

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 1

Emenda 1 1

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

H. billi l-istabilità politika fis-Somalja hija waħda mill-kawżi tal-problema tal-piraterija u tikkontribwixxi għal din il-problema, ***u l-piraterija għadha titqies minn uħud mis-Somali bħala sors ta' dħul profittabbli u vijabbli;***

Emenda

H. billi l-istabilità politika fis-Somalja hija waħda mill-kawżi tal-problema tal-piraterija u tikkontribwixxi għal din il-problema;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 2

Emenda 2

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor
fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, ECR
Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta

Emenda

Ia. billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà u dik militari fis-Somalja għadha perikoluża u imprevedibbli; billi l-missjoni AMISOM tal-Unjoni Afrikana irnexxielha treggħa' lura l-militar Islamista Al Shabaab u reċentement skjerat 100 suldat f'Baidoa; billi l-Kenja reċentement għamlet intervent militari fis-Somalja tan-nofsinhar-ċentrali imma ma rnexxiliex tegħleb b'mod deċisiv lil Al Shabaab; billi l-Forzi tad-Difiża Nazzjonali tal-Etjopja intervenew fir-reġjun ta' Hiraan u fir-reġjun ta' Bay fi Frar 2012; billi l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, it-tortura, l-arresti arbitrarji, l-esekuzzjonijiet sommarji u l-attakki bi tpattija kontra ċivili mill-forzi u l-militia tal-Etjopja leali lejn it-TFG inħarġu fil-pubbliku mill-Human Rights Watch; billi l-Eritrea, ġar tagħha, kienet akkużata mill-Grupp ta' Monitoraġġ u Sanzjonijiet tan-NU li qed tipprovdi armi, taħriġ u appoġġ finanzjarju lil Al Shabaab, b'hekk qed tikser l-embargo tal-armi tan-NU;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 3

Emenda 3

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

Premessa K

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

K. billi l-problema tal-piraterija għandha wkoll effetti negattivi fir-reġjun kollu, fejn l-operazzjonijiet huma rregolati minn għadd ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali tas-sajd u saru attività perikoluża, mhux biss għall-bastimenti tas-sajd tal-UE, pereżempju dawk li jistadu fl-ibħra tas-Seychelles fuq il-bażi ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u r-Repubblika tas-Seychelles, imma wkoll għas-sajjieda lokali li l-UE tagħtihom appoġġ settorjali u li għalhekk tassumi responsabilità soċjali; billi s-sajjieda lokali m'għandhomx l-istess mezzi, la finanzjarji u lanqas f'termini ta' kapaċità umana, biex ikunu jistgħu jipproteġu lilhom infushom kontra l-piraterija;

Emenda

K. billi l-problema tal-piraterija għandha wkoll effetti negattivi fir-reġjun kollu, fejn l-operazzjonijiet huma rregolati minn għadd ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali tas-sajd u saru attività perikoluża, mhux biss għall-bastimenti tas-sajd tal-UE, pereżempju dawk li jistadu fl-ibħra tas-Seychelles fuq il-bażi ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u r-Repubblika tas-Seychelles, imma wkoll għas-sajjieda lokali li l-UE tagħtihom appoġġ settorjali u li għalhekk tassumi responsabilità soċjali; billi s-sajjieda lokali m'għandhomx l-istess mezzi, la finanzjarji u lanqas f'termini ta' kapaċità umana, biex ikunu jistgħu jipproteġu lilhom infushom kontra l-piraterija; ***billi l-bastimenti tas-sajd ta' ħafna pajjiżi ħadu vantaġġ mill-kaos fis-Somalja biex jistadu fiż-żona ta' 200 mil nawtiku tas-Somalja mill-1990, u b'hekk imminaw l-għajxien tas-sajjieda Somali;***

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 4

Emenda 4

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor
fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, ECR
Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta

Emenda

La. billi l-Qarn tal-Afrika u speċjalment is-Somalja kienu affettwati minn karestija severa kkawżata minn nixfa li wasslet għal kriżi umanitarja serja li affettwat aktar minn 12-il miljun persuna fir-reġjun u aktar minn 7.5 miljun fis-Somalja; billi l-karestija mhux biss ikkawżat il-mewt ta' ħafna persuni, speċjalment tfal, imma wasslet ukoll biex għadd kbir ta' refuġjati telqu lejn il-pajjiżi ġirien tal-Kenja u l-Etjopja; billi l-Kummissjoni Ewropea żiedet l-għajnuna umanitarja tagħha minn EUR 9 miljuni fl-2009 għal EUR 46 miljun fl-2008, imma issa naqset l-għajnuna tagħha għal biss EUR 35 miljun fl-2010 u EUR 30 miljun fl-2011; billi l-Kummissjoni rrevediet l-allokkazzjoni tal-għajnuna umanitarja tagħha għal EUR 77 miljun biss wara n-nixfa tas-sajf tal-2011;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 5

Emenda 5

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

N. billi, filwaqt li l-isforzi tal-UE fil-għieda kontra l-piraterija rnexxielhom jipproteġu l-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) u tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM), ***dawk il-missjonijiet jeħtieġu impenn sostnut li jiżgura livelli ta' forza adegwati, u billi jissugraw li jisfaw imdgħajfa fil-ġejjieni minħabba nuqqas ta' forzi navali;***

Emenda

N. billi, filwaqt li l-isforzi tal-UE fil-għieda kontra l-piraterija rnexxielhom jipproteġu l-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) u tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM);

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 6

Emenda 6

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

Paragrafu 1

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

1. *Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar it-theddida, li hija kontinwa u li dejjem qed tiżdied, tal-piraterija marittima u s-serq armat fuq il-baħar kontra l-bastimenti internazzjonali li jwasslu l-għajnuna lis-Somalja u kontra l-bastimenti tal-UE tas-sajd, tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Oċean Indjan, partikolarment fl-ibħra lil hinn mill-kosta tas-Somalja u l-Qarn tal-Afrika, kontra s-sikurezza tal-baħħara u ta' persuni oħra u kontra l-istabilità reġjonali;*

Emenda

1. *Jinsab ferm imħasseb dwar il-militarizzazzjoni ulterjuri fl-approċċ tal-UE rigward il-piraterija, li hi kkaratterizzata minn tliet operazzjonijiet militari tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni (PSDK) u nieqsa minn sforzi diplomatiċi, politiċi u ta' medjazzjoni li jistgħu jwittu t-triq għal waqfien mill-għlied, għal medjazzjoni, għal negozjati ta' paċi, għal rikonċiljazzjoni, għal demobilizzazzjoni u l-isforzi tal-bini ta' nazzjoni fuq perjodu medju u twil ta' żmien;*

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 7

Emenda 7

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor
fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, ECR
Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
paragrafu 1 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Emenda

1a. Jinnota l-preżenza ta' EU NAVFOR ATALANTA 'l barra mix-xatt tas-Somalja; jirrimarka li l-EU NAVFOR ATALANTA u operazzjonijiet navali oħra, bħall-operazzjoni Ocean Shield tan-NATO, jistgħu biss b'suċċess ibiegħdu jew jikkontrollaw il-piraterija jekk il-pirati maqbuda mill-forzi internazzjonali jgħaddu minn proċess ġudizzjarju ġust u l-kawżi fundamentali politiċi, soċjali u ekonomiċi tal-problema jkunu indirizzati fuq l-art; jinnota bi tħassib iż-żieda fl-użu tal-vjolenza mill-pirati kontra persuni ċivili mhux armati; jirrifjuta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu li tippermetti lill-EU NAVFOR ATALANTA li teqred il-punti loġistiċi tal-pirati fuq l-art, li twassal biex tkompli teskala l-azzjoni militari u potenzjalment tikkawża ħsara kollaterali inaċċettabbli;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 8

Emenda 8

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor
fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta
PPE, S&D, ALDE, ECR
Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta
Paragrafu 4

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

Emenda

**4. Jilqa' d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-
23 ta' Marzu 2012 li ttawal il-mandat tal-
EU NAVFOR ATALANTA sa
Diċembru 2014 u testendi ż-żona tal-
operazzjonijiet tal-forza;**

imħassar

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 9

Emenda 9

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

5. ***Jiddeplora*** l-fatt li l-għadd ta' bastimenti li l-Istati Membri pprovdew għall-operazzjoni EU NAVFOR ATALANTA naqas minn tmienja għal biss tnejn/tlieta fil-bidu tal-2012, ***u għalhekk jappella lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar riżorsi navali ħalli l-operazzjoni ATALANTA tkun tista' tirnexxi***;

Emenda

5. ***Jinnota*** fatt li l-għadd ta' bastimenti li l-Istati Membri pprovdew għall-operazzjoni EU NAVFOR ATALANTA naqas minn tmienja għal biss tnejn/tlieta fil-bidu tal-2012;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 10

Emenda 10

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Emenda

6. Jitlob li jkun hemm aktar koordinazzjoni skont il-mekkaniżmu SHADE bejn l-UE, in-NATO u t-tmexxija tat-tliet missjonijiet navali ewlenin kontra l-piraterija fir-reġjun (EU NAVFOR, CTF-150/151 u TF-508 fi ħdan l-operazzjoni Ocean Shield tan-NATO) u d-diversi forzi navali internazzjonali, **sabiex ma jkunx hemm dupplikazzjoni żejda, minħabba li ż-żewġ organizzazzjonijiet, l-UE u n-NATO, joperaw fl-istess żona fuq il-bażi tal-awtonomija deċiżjonali rispettiva tagħhom iżda għandhom l-istess interessi u ġeneralment jinvolvu l-istess nazzjonijiet Ewropej;**

6. Jinnota l-koordinazzjoni skont il-mekkaniżmu SHADE bejn l-UE, in-NATO u t-tmexxija tat-tliet missjonijiet navali ewlenin kontra l-piraterija fir-reġjun (EU NAVFOR, CTF-150/151 u TF-508 fi ħdan l-operazzjoni Ocean Shield tan-NATO) u d-diversi forzi navali internazzjonali;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 11

Emenda 11

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta

Paragrafu 10

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni konġunta

10. Jenfasizza li l-issuktar tal-piraterija bl-impunità tkun ostakolu għad-deterrenza; jiddeplora li minkejja l-ftehimiet ta' trasferiment tal-UE ma' pajjiżi terzi (il-Kenja, is-Seychelles, il-Mawrizju), ftehimiet bilaterali ta' ripatrijazzjoni għal dawk ħatja ta' atti ta' piraterija bejn is-Seychelles u *sew* Puntland kif ukoll is-Somaliland, u d-diversi oqfsa legali internazzjonali, ħafna pirati u kriminali oħra għadhom ma' ġewx arrestati jew, meta jiġu arrestati, spiss jinħelsu minħabba nuqqas ta' evidenza legali solida jew nuqqas ta' rieda politika fil-prosekuzzjoni tagħhom; jinnota, ukoll, li xi Stati Membri tal-UE għandhom salvagwardji inadegwati fil-liġi kriminali kontra l-piraterija marittima;

Emenda

10. Jenfasizza li l-issuktar tal-piraterija bl-impunità tkun ostakolu għad-deterrenza; jiddeplora li minkejja l-ftehimiet ta' trasferiment tal-UE ma' pajjiżi terzi (il-Kenja, is-Seychelles, il-Mawrizju), ftehimiet bilaterali ta' ripatrijazzjoni għal dawk ħatja ta' atti ta' piraterija bejn is-Seychelles u *r-reġjuni Somali ta'* Puntland kif ukoll is-Somaliland, u d-diversi oqfsa legali internazzjonali, ħafna pirati u kriminali oħra għadhom ma' ġewx arrestati jew, meta jiġu arrestati, spiss jinħelsu minħabba nuqqas ta' evidenza legali solida jew nuqqas ta' rieda politika fil-prosekuzzjoni tagħhom; jinnota, ukoll, li xi Stati Membri tal-UE għandhom salvagwardji inadegwati fil-liġi kriminali kontra l-piraterija marittima;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 12

Emenda 12

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

20. Jappoġġja bis-sħiħ il-proċess ta' Djibouti għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni; jitlob għal approċċ komprensiv għas-sitwazzjoni fis-Somalja, billi s-sigurtà tintrabat mal-iżvilupp, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;

Emenda

20. Jappoġġja bis-sħiħ il-proċess ta' Djibouti għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni; jitlob għal approċċ komprensiv għas-sitwazzjoni fis-Somalja, billi s-sigurtà tintrabat mal-iżvilupp, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali; ***jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viçi President u lill-EUSR biex jirrevedu b'mod kritiku l-Proċess ta' Paċi ta' Djibouti u biex jikkunsidraw li jibagħtu tim ta' medjaturi li jkollhom il-fiduċja ta' għadd wiesa' ta' partijiet interessati Somali, inklużi assoċjazzjonijiet tan-nisa, u li jkunu kapaċi jressqu għadd ta' atturi Somali madwar il-mejda tan-negozjati; jistieden lir-RGħ/VP tagħti bidu għal proċess għall-atturi tas-soċjetà ċivili Somali fi ħdan il-pajjiż u barra minnu li jippermetti diskussjoni regolari u kontinwa dwar soluzzjonijiet possibbli għall-problemi politiċi fil-pajjiż; jistieden lir-RGħ/VP iġġib dawn iż-żewġ proċessi flimkien filwaqt li tiegħu bħala eżempju l-proċess ta' paċi li kien suċċess bejn is-sena 2000 u s-sena 2005 fis-Sudan; jistieden lill-EUSR tiltaqa' mar-rappreżentanti ta' Al Shabaab sabiex tivverifika sa liema punt***

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

*jew liema fazzjonijiet ta' Al Shabaab
huma lesti li jsibu soluzzjoni għall-paċi;*

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 13

Emenda 13

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta
paragrafu 21a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Emenda

21a. Jinsab ferm imħasseb dwar l-azzjonijiet militari li għaddejjin u l-abbużi severi kontra d-drittijiet tal-bniedem u t-tbatija kontinwa tal-popolazzjoni ċivili minħabba l-ġlied li għaddej fis-Somalja tan-nofsinhar-ċentrali; jikkundanna r-reati tal-gwerra li saru minn diversi gruppi armati, minn Al Shabaab sal-militia leali lejn it-TFG; jikkundanna l-interventi militari unilaterali mill-pajjiżi ġirien tal-Kenja u l-Etjopja fl-2011 u l-2012, li żiedu biss il-ġlied, it-tbatija, il-kaos u l-anarkija mingħajr ma waslu għal rebħa deċiżiva fuq Al Shabaab; iħeġġeġ lir-RGħ/VP biex tikkritika b'mod miftuħ lill-Kenja u lill-Etjopja għall-interventi militari tagħhom; iħeġġeġ lill-Kenja, lill-Etjopja u lill-pajjiżi ġirien kollha, inkluż l-Eritrea, biex ma jkomplux jinterferu u jintervjenu fis-Somalja; jirrimarka li l-Unjoni Afrikana skjerat AMISOM, missjoni militari fis-Somalja, bil-mandat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u li għandha bżonn kbir ta' pajjiżi li lesti jikkontribwixxu aktar suldati;

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

7.5.2012

B7-0223/2012 }
B7-0224/2012 }
B7-0225/2012 }
B7-0226/2012 } RC1/Am. 14

Emenda 14

Reinhard Bütikofer, Keith Taylor

fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, ECR

Il-piraterija marittima

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

29. Jenfasizza li l-użu ta' gwardji armati privati abbord hija miżura li ma tistax tissostitwixxi s-soluzzjoni komprensiva meħtieġa għat-theddida tal-piraterija multidimensjonali; iqis li xi Stati Membri introduċew leġiżlazzjoni rilevanti; f'dan il-kuntest jistieden lill-Istati Membri iwettqu miżuri ta' sigurtà meħtieġa abbord fejn dan ikun possibbli, kif ukoll jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaħdmu biex ifasslu approċċ tal-UE li jikkonċerna l-użu ta' persunal ċertifikat armat abbord li jiżgura implimentazzjoni tajba tal-linji gwida tal-IMO f'dan ir-rigward;

Emenda

29. Jenfasizza li l-użu ta' gwardji armati privati abbord hija miżura li ma tistax tissostitwixxi s-soluzzjoni komprensiva meħtieġa għat-theddida tal-piraterija multidimensjonali; iqis li xi Stati Membri introduċew leġiżlazzjoni rilevanti; f'dan il-kuntest jistieden lill-Istati Membri iwettqu miżuri ta' sigurtà meħtieġa abbord fejn dan ikun possibbli, kif ukoll jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaħdmu biex ifasslu approċċ tal-UE li jikkonċerna l-użu ta' persunal ċertifikat armat abbord li jiżgura implimentazzjoni tajba tal-linji gwida tal-IMO f'dan ir-rigward; ***fl-istess ħin jinsab imħasseb dwar ir-rwol li qed jikber tal-kumpaniji tas-sigurtà privati abbord ta' bastimenti kummerċjali u daww li qed iwasslu l-għajnuna umanitarja fis-Somalja, li se jikkontribwixxi għal suq tas-sigurtà fl-isfera marittima li jista' jwassal għal żieda fil-vjolenza u fit-tattika letali miż-żewġ naħat - pirati u persunal armat tas-sigurtà - u, barra minn hekk, jintensifika l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fir-reġjun;***

Or. en

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM\901169MT.doc

PE486.789v01-00 }
PE486.790v01-00 }
PE486.791v01-00 }
PE486.800v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT